MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2009

Numru 1103/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Nikolai Sant)**
**vs**

**Paul George Attard**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Paul George Attard ta’ 19 sena iben George u Mary Grace nee’ Buttigeg imwieled il-Pieta’ fit-18 ta’ Novembru 1989, Res: ‘St Paul’s, Flat 2, Triq Sir Antonio Micallef, Balzan I.D.10290(M).

Billi gie akkuzat talli nhar is-26 ta' Settembru, 2009 ghall-habta ta' 07.30hrs gewwa Triq it-Tlett Knejjes, Hal-Balzan volontarjament ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli, meta ghamel hsara fuq vettura bin-numru tar-registrazzjoni FAG257 tal-ghamla Toyota ghad-dannu ta' Mario Camilleri liema hsara kumplessiva hija izjed minn elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (1,164.69).

U aktar talli fl-istess lok data u hin saq vettura EBG665 ta' l-ghamla Toyota minghajr ma kien kopert b'polza ta l-assigurazzjoni ghall-riskji fuq terzi persuni.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi waqt li kien qieghed issuq vettura bi numru tar-registrazzjoni EBG665, saq l-istess vettura b'manjiera perikoluza, traskurata u negligenti.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il-bon ordni pubblika b'ghajjat u glied.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex tipprovdi mizuri ghas-sigurta' fil-konfront ta' Mario Camilleri, skond l-artokolu 383 tak-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta' l-Avukat Generali esebit bhala Dok NS3 u nnutat li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fl-ezami tieghu l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-imputat iddikjara li qieghed jobbliga ruhu li fi zmien sena millum ihallas lill-parte civile Mario Camilleri l-ispejjez kollha dovuti rigwardanti hsarat kommessi minnu fuq il-vettura tal-istess parte civile numru tar-registrazzjoni FAG 257 li tirrigwarda l-kawza odjerna.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 17, 325(a) u 338(dd) tal-Kap. 9, l-artikolu 3 tal-Kap. 104 u l-artikolu 15(1)(a)(2) u (3) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Paul George Attard, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza u li l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija, il-fedina penali netta tal-imputat, l-eta’ tenera tal-imputat u id-dikjarazzjoni ta’ obbligazzjoni li ghamel l-imputat fil-Verbal tas-Seduta tallum kif riportat aktar qabel f’din is-Sentenza nkwantu ghall-ewwel akkuza migjuba kontra l-imsemmi imputat tillibera lill-istess imputat Paul George Attard taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum, nkwantu ghat-tieni akkuza migjuba kontra l-imsemmi imputat tikkundanna lill-istess imputat ghall-piena ta’ elfejn, tlett mija u disa’ u ghoxrin Euro u seba’ u tletin centezmi ta’ Euro (Euro 2329.37) multa, nkwantu

ghat-tielet akkuza migjuba kontra l-imsemmi imputat tikkundanna lill-istess imputat ghall-piena ta’ mija u hamsa u sittin Euro (Euro 165) multa u nkwantu ghar-raba’ akkuza migjuba kontra l-imsemmi imputat tikkundanna lill-istess imputat ghall-piena ta’ seba’ u erbghin Euro (Euro 47) ammenda.

Inoltre, il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 3(2A) tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta’ Malta tiskwalifika lill-imputat Paul George Attard milli jkollu jew milli jikseb xi licenzja tas-sewqan ghal zmien tnax (12) il-xahar millum.

Il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kap. 9 torbot lill-imputat Paul George Attard b’obbligazzjoni personali ta’ tmien mitt Euro (Euro 800) li jzomm il-kwiet ma’ Mario Camilleri u li jzomm il-bonordni pubbliku ma’ kulhadd ghal zmien sena millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Paul George Attard l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------